



C/2023/1108

4.12.2023

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tas-26 ta' Ottubru 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgerichtshof – l-Awstrija) – BM vs Gebühren Info Service GmbH (GIS)**

(Kawża C-249/22 <sup>(1)</sup>, GIS)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Artikolu 2(1)(ċ) – Provvista ta' servizzi mwettqa bi ħlas – Kunċett – Attivitajiet ta' organu pubbliku tar-radju u tat-televiżjoni ffinanzjati minn miżata obbligatorja mħallsa mid-detenturi ta' riċevitur tar-radju u tat-televiżjoni li jinsabu fiż-żona ta' xandir terrestri – Artikolu 378(1) u l-punt 2 tal-Parti A tal-Anness X – Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija – Deroga – Kamp ta' applikazzjoni)*

(C/2023/1108)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: BM

Konvenut: Gebühren Info Service GmbH (GIS)

Fil-preżenza ta': Bundesministerium für Finanzen, Österreichischer Rundfunk

**Dispożittiv**

L-Artikolu 2(1)(ċ) u l-Artikolu 378(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, moqrija flimkien mal-Artikolu 151(1) u mat-tieni inċiż tal-ewwel subparagrafu tal-punt 2(h) tal-Parti IX tal-Anness XV tal-Att li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju tal-Iżvezja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea, għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

ma jżommux lir-Repubblika tal-Awstrija milli tissuġġetta għat-taxxa fuq il-valur miżjud attività ta' xandir pubbliku, iffinanzjata minn miżata legali obbligatorja u mħallsa minn kull persuna li tuża apparat riċevitur tax-xandir ġewwa bini li jinsab f'żona koperta mix-xandir terrestri tal-korp pubbliku tax-xandir ikkonċernat, irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk l-attività ta' xandir pubbliku kkonċernata taqax taħt il-kunċett ta' "provvisi ta' servizzi bi ħlas", fis-sens ta' dan l-Artikolu 2(1)(ċ).

<sup>(1)</sup> ĠU C 237, 20.6.2022.